

**ASSOĊJAZZJONI
BEJN
L-UNJONI EWROPEA
U L-AMERIKA ĊENTRALI**

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni

**Brussell, 8 ta' Diċembru 2020
(OR. en)**

UE-AC 1952/20

**Fajl Interistituzzjonali:
2020/0202 (NLE)**

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI -UE-AMERIKA
ĊENTRALI li timmodifika l-Appendiċi 2 (Lista tax-xogħol jew l-ipproċessar li
jrid isir fuq materjali mhux ta' oriġini sabiex il-prodott immanifatturat ikun
jista' jikseb status tal-oriġini) tal-Anness II (dwar id-definizzjoni tal-kunċett
ta' "prodotti ta' oriġini" u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva)

DEĊIŻJONI Nru .../...
TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI -UE-AMERIKA ĊENTRALI

ta' ...

li timmodifika l-Appendiċi 2 (Lista tax-xogħol jew l-ipproċessar li jrid isir fuq materjali mhux ta' oriġini sabiex il-prodott immanifatturat ikun jista' jikseb status tal-oriġini) tal-Anness II (dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti ta' oriġini" u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva)

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-AMERIKA ĊENTRALI,

Wara li kkunsidra l-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra, u b'mod partikolari l-Artikolu 36 tal-Anness II tiegħu u l-punt (iv) tal-paragrafu 2(a) tal-Artikolu 345 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 36 tal-Anness II u l-punt (iv) tal-paragrafu 2(a) tal-Artikolu 345 tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra (“il-Ftehim”) jipprevedu li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jimmodifika l-Appendiċi 2 tal-Anness II għall-Ftehim.
- (2) Fl-1 ta' Jannar 2012 u fl-1 ta' Jannar 2017 ġew introdotti ċerti emendi fin-Nomenklatura li hija rregolata mill-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-deskrizzjoni u l-kodifikazzjoni tal-merkanzija (“SA”).
- (3) Il-Partijiet tal-Ftehim qablu li jaġġornaw ir-regoli speċifiċi għall-prodotti biex dawn ikunu jirriflettu s-SA tal-2012 u s-SA tal-2017.
- (4) Se jkun ikkumplikat li wieħed japplika l-bidliet fir-regoli speċifiċi għall-prodotti tat-titli 2852 u 9619 li jirriżultaw mis-Sistema Armonizzata tal-2012 minħabba l-għadd kbir ta' prodotti li qed jiġu ttrasferiti għal dawn it-titli li lkoll għandhom regola differenti biex jiġi stabbilit minn fejn oriġinaw. Ir-regoli attwali jenħtieġ li jibqgħu kif inhuma għaliex l-effetti tan-nuqqas ta' applikazzjoni tal-bidliet ma jibdix sostanzjalment id-determinazzjoni oriġinarja tal-prodotti.

- (5) Il-maġġoranza tal-prodotti li qed jiġu ttrasferiti għat-titolu 9619 li jirriżulta mis-SA tal-2012 għandhom regola alternattiva li tgħid li l-valur tal-materjali kollha mhux ta' oriġini użati ma jaqbiżx ċertu perċentwali tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika. Din ir-regola alternattiva jenħtieġ li tizzied mal-valur tal-materjali mhux ta' oriġini, li huwa ta' massimu ta' 50 %.
- (6) Hemm bżonn jiġu mmodifikati r-regoli tal-lista tal-Kapitolu 84 u tal-intestatura 8522. Jenħtieġ li tittieħed l-opportunità biex dawn il-bidliet jiġu inklużi fl-Appendiċi 2.
- (7) In-nota fqiegħ il-paġna 88 rigward ir-regoli tal-oriġini fl-Appendiċi 2 għall-prodotti tal-intestatura 3920 jenħtieġ li tiġi modifikata sabiex il-verżjoni bil-lingwa Spanjola tiġi allinjata mal-verżjonijiet lingwistiċi l-oħrajn.
- (8) Għalhekk, jenħtieġ li l-Appendiċi 2 tal-Anness II għall-Ftehim jiġi modifikat. Dawk il-modifiki ma jwasslux għal bidliet sostantivi fir-regoli tal-oriġini nnegożjati,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Appendiċi 2 tal-Anness II għall-Ftehim li fih il-lista tax-xogħol jew l-ipproċessar li jrid isir fuq materjali mhux ta' orġini sabiex il-prodott immanifatturat ikun jista' jikseb status tal-orġini b'dan qed jiġi sostitwit bl-Appendiċi mogħti fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ 180 jum wara d-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni,

Għall-Amerika Ċentrali,

Għall-UE,
